MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 972/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' Estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra**

**Vs**

**Noel Borg**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm29.98c (disgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) rapprezentanti in kwantu ghal Lm26.07c (sitta u ghoxrin lira Maltin u seba' centezmi) sentejn Royalty dovuta bil-quddiem ghall-perjodu 6 ta' Settembru, 2001 sal-5 ta' Settembru, 2003 in konnessjoni mal-licenzja Numru 8806 rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Hair Line Studio", Santa Venera limiti

Hamrun, u, Lm3.91c (tlett liri Maltin u wiehed u disghin centezmu) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Is-socjeta’ attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta’ l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta’ l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta’ l-Avviz tat-talba, komprizi dawk ta’ l-Ittra Legali tat-30 ta’ Novembru, 2001 kif ukoll ta’ l-Ittra Ufficjali tat-13 ta’ Marzu, 2003 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------